Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Revoka nru. 848/2023 MH

Fl-Atti tal-Mandat nru. 1179/2023

Hashim Kuduzovic<br>Vs<br>Fatima Zahra Zeroual

Wara l-kawza 350/23MH

Hashim Kuduzovic

Vs

Avukat ta' L-Istat.

Illum 27, ta, Diċembru, 2023.

Il-Qorti;

Rat ir-rikors għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru hawn fuq imsemmi ukoll t-talba oppositorja għall-istess.

Tqies li dan il-mandat kawtelatorju jsib il-bażi tiegħu u ġie presentat biex jikkawtela il-futur suċċess, milqugħa t-talba avvanzata f'rikors kostituzzjonali/konvenzjonali, fejn l-eżekutant javvanza lanjanzi ai terminu ta' l-artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. L-eżekutant javvanza dawn it-talbiet kontra żewġ intimati, l-Avukat ta' l-Istat ukoll Fatima Zahra Zeroual, għalina r-rikorrenti eżekutata.

Ikkunsidrat

Huwa ben risaput u miżmum li f'xilja ta' natura Kostituzzjonali u Konvenzjonali huwa dejjem u biss l-Avukat ta'l-Istat li jista' jirrispondi għal kull dannu li jista' talvolta jiġi akkordat misjub il-ksur.

Ebda parti terża, l-individwu, ma jista' qatt ikun hekk responsabbli, anke jekk igawdi leġittima' passiva fil-mertu tal-proċeduri. Kien sew l-argument li ressaq l-eżekutant f'dan ir-rigward meta ġab il-paragun ta' l-inkwilin f'kawżi mressqa fir-rigward tal-Kap 69 u 158 tal-Liġijiet ta' Malta, però oltre' kien żbaljat għax l-inkwilin ma jista qatt jiġi kkundannat għal ħlas ta' danni pekunjarji u non pekunjarji f'kawżi ta' din in-natura.

L-eżekutata tressaq ir-rikors tagħha a bażi ta' l-artikolu 836(1)(b)(d) u(f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Jekk il-Qorti ssib lit-talba għandha suċċess taħt wieħed minn dawn is-sub-inċiżi jkun biżżejjed għas-suċċess ta' din it-talba.

Il-Qorti ssib li din ir-revoka tista ssib suċċess ai terminu ta' l-artikolu 836(1)(b). Din hija sodisfatta mhux biss għax ir-raguni għal din il-kawtela m'għadhiex teżisti biex dan il-mandat jinżamm in vigore kontra l-eżekutata, imma għax fil-verita' ma kellu qatt jinħareġ kontra tagħha għax tkun xi tkun l-eżitu tal-kawza ta' indolu Kostituzzjonali u Konvenzjonali, l-eżekutata ma tista' qatt tiġi kkundanata għal ħlas pekunjarju kif ingħad.

Jekk l-eżekutant fil-futur irid javvanza kawża għal danni kontra l-intimata rikorrenti irid jagħmel dan f'kawża apposita ta' indoli ċivili.

**Konsegwentement tilqa' t-talba kif dedotta u tirrevoka l-mandat kawtelatorju 1179/2023 maħruġ kontra Fatima Zahra Zeroual (K.I Marokkina nru. AS 51755) bl-ispejjeż ta' din l-istanza għal Hashim Kuduzovic.**

**Onor. Miriam Hayman**

**Imħallef**